GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

Heritage Malta

# PROGRAMM FIL-PALAZZ TAL-GRAN MASTRU GĦAS-8 SENA TAL-ISKEJJEL MEDJI 2023/2024

Heritage Malta tistiednek għal programm esklussiv immirat speċifikament għall-istudenti tas-8 Sena fil-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta eżatt qabel il-ftuħ għall-pubbliku ġenerali. Dan jagħti l-opportunità li wieħed jiskopri aktar dwar dan il-bini maestuż, l-istorja tiegħu, il-funzjoni tiegħu u jagħti l-opportunità li jżuru żoni li qabel kienu magħluqa għall-pubbliku ġenerali. Għal dawn l-attivitajiet qed naċċettaw massimu ta' 75 student f'kull grupp.

Sabiex tibbukkja dawn il-programmi edukattivi ikklikkja fuq dan il-link: https://schoolbooking.heritagemalta.mt/grandmasters-palace-armoury/. Il-booking tiegħek ma jiġix aċċettat sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta. Għal aktar informazzjoni ibagħtu email lil Heritage Malta fuq education.heritagemalta@heritagemalta.org.

Fil-każ tal-programm S22-23/24 – il-Palazz tal-Gran Mastru, l-attività ħa tkun b'xejn u t-trasport ħa jkun provdut minn Heritage Malta.

| Attività | Deskrizzjoni Qasira | Sena | Rabta mal-Kurrikulu | Mużew / Sit | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **S22-23/24 Il-Futur fil-Passat: Karrieri fil-Qasam Kulturali**<br><br>**(Mingħajr ħlas)** | F'dan il-programm l-istudenti ħa jkollhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' diversi ħaddiema ta' Heritage Malta li tul l-aħħar snin ħadmu fil-Palazz tal-Gran Mastru f'oqsma differenti biex hekk jieħdu idea ta' karrieri differenti fil-qasam tal-wirt kulturali. | It-8 Sena | L-Għażla tal-Karrieri<br><br>Storja: Il-Kavallieri ta' San Ġwann | Il-Palazz tal-Gran Mastru, il-Belt Valletta | 13, 20, 27 t'Ottubru 2023<br><br>10, 17, 24 ta' Novembru 2023<br><br>1, 12 ta' Diċembru 2023 |